MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CLAIRE-LOUISE STAFRACE

Seduta tad-9 ta' Dicembru, 2013

Numru. 1330/2012

**Il-Pulizija**
**[Spettur Jurgen Vella]**

**vs**

**Kyle Dylon Azzopardi**
**Tonio Gatt**

**Il-Qorti,**
Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Kyle Dylon Azzopardi detentur tal-karta tal-identita` numru 191992(M); u Tonio Gatt detentur tal-karta tal-identita` numru 73187M.

Akkuzati talli:
B’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti kisru l-istess disposizzjonijiet tal-Ligi, b’rizoluzzjoni wahda talli nhar it-23 ta’ Ottubru 2012, ghall-habta tal-hamsa ta’ wara

nofsinhar (17:00hrs), u xhur qabel, gewwa l-imhazen ta' Dolphin Pools Ltd/Cadin/Exports LTD, li jinstabu gewwa l-Qasam Industrijali tal-Marsa u f'dawn il-gzejjer ikkommettew diversi serq ta' oggetti liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgha u disghin centezmu (232.94) izda ma jeccedix l-elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin Ewro u seba' u tletin centezmu (2329.37 Euro) u bil-persuna liema serq sar ghad-detriment ta' Pierre Cachia u Salvino Dingli;

U aktar talli f'xi hin nhar l-4 ta' Settembru 2012, gewwa l-istess imsemmi post, dawru bi profitt ghalihom jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor li ienet giet fdata jew ikkunsinnata lilhom taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, u cioe` hadu u zammew ghandhom flus u/jew prodotti liema ammont huwa jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin Ewro u erbgha u disghin centezmu (232.94) izda ma jeccedix l-elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu (2329.37) ghad-dannu tal-kumpanija Dolphin Pools Ltd/Cadin Exports LTD u persuni ohra, liema flus u oggetti kienu gew fdati jew ikkunsinnati lilhom minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz taghhom, jew minhabba depozitu necessarju.

Rat id-dokumenti pprezentati; inkluz il-Kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza odjerna tigi trattata bi procedura sommarja;

Semghet l-ammissjoni tal-imputati ghall-akkuzi kif dedotti kontrihom u l-konferma ta' tali ammissjoni wara li nghataw iz-zmien opportun sabiex ikunu jistghu jirregolaw ruhhom; u

Rat illi l-imputati kkoperaw bis-shih mal-prosekuzzjoni tant li r-refurtiva giet ritornata kollha lura.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 18, 261(c),(d), 267, 268(a) u 294 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qeghda issib lill-imputati Kyle Dylon Azzopardi u Tonio Gatt hatja tal-ewwel akkuza kif dedotta kontrihom biss stante li t-tieni akkuza hija alternattiva ghal dik tal-ewwel, u bl-

applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tilliberahom bil-kundizzjoni li ma jikkomettux reat iehor fi zmien tlett snin mil-lum.

Finalment, spjegat lill-imputati fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------